IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi Ta' Malta

8 ta' Ottubru 2013

110/2013

**INTERVENT TAL-ISQOF MARIO GRECH WAQT L-ASSEMBLEA ĠENERALI TAL-KUNSILL TAL-KONFERENZI EPISKOPALI EWROPEJ (3 – 6 ta' Ottubru 2013)**

Għalkemm mhuwiex nisrani, il-filosofu Jürgen Habermas isostni li d-demokraziji Ewropej ma jistax ikollhom fundament etiku jekk ma jkollhomx l-esperjenza reliġjuża! Sentenza oħra li timbuttana biex nirriflettu hija dik li jgħid wieħed espert fil-liġi kostituzzjonali, Ernst-Wolfgang Böckenförde, li l-Istat liberali sekularizzat ma jistax jassigura li l-istess prinċipji li jmexxuh ser jiġu rispettati! L-istess jista' jingħad dwar il-kunċett ta' lajċità posittiva: ir-realtajiet temporali għalkemm ma jaqgħux taħt l-umbrella tal-Knisja, xorta mhumiex miftuma mill-prinċipji etiċi.

Spiss jiġri li d-diskors dwar il-lajċità nillimitawh għar-relazzjoni bejn Stat u Knisja jew xi istituzzjoni reliġjuża oħra. Imma nemmen li hemm dimensjoni oħra li ma għandniex nittraskuraw: il-preżenza tal-lajkat Kattoliku fis-soċjetà. Sfortunatament, wara li ġiet fit-tmiem il-Kristjanità, il-Kattoliċi Ewropej baqgħu ma għarfux x'inhi s-sejħa tagħhom fil-qasam soċjali u politiku, u dan minkejja li l-Konċilju Vatikan II tana viżjoni u direzzjoni dwar dan. Ħafna drabi dan seħħ għaliex ma rnexxilniex nrawmu fidi adulta! Tlifna l-appuntament mal-istorja: il-Knisja fl-Ewropa ma ħadmitx daqskemm kellha taħdem biex tifforma lajkat matur. Għadna ma fhimniex biżżejjed lill-istess Konċilju.

Biex ikunu jistgħu jgħinu lis-soċjetà lajka tikkonforma ruħha mas-sewwa, il-lajċi Nsara qabel xejn għandhom bżonn jiffurmaw sewwa l-kuxjenza tagħhom. L-esperjenza turina li lajkat sajjem mill-Vanġelu mhux biss huwa preżenza bierda imma xi drabi ukoll kawża ta' ħafna ħsara għall-istess lajċità. Wara li jirċievu formazzjoni adegwata, solida u qawwija, il-lajċi Nsara jistgħu jagħtu sehemhom biex ikollna lajċità awtentika. Għalhekk, jekk aħna l-Insara rridu nkunu ċittadini tajba u nikkontribwixxu ħalli tinbena soċjetà lajka li tkun taqbel mal-pjan ta' Alla, huwa meħtieġ li nieħdu b'aktar impenn il-katakeżi tal-adulti.

✠ **MARIO GRECH**
Isqof ta' Għawdex
President tal-Konferenza Episkopali

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
P.O. Box 29
Valletta, VLT 1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**